*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,345, 25 ta' Marzu, 1977*
*Taqsima C*

# Nru. 22

25. 3. 77

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph Cassar, M.P., Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament f'isem il-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-8 ta' Marzu, 1977.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta.**

C. Mifsud
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph Cassar, M.P., Minister of Justice, Lands, Housing and Parliamentary Affairs on behalf of the Minister of Development, Energy, Port and Telecommunications, and read the First time at the Sitting of the 8th March, 1977.

**AN ACT further to amend the Telemalta Corporation Act, 1975.**

C. Mifsud
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1977 li jemenda l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

2. Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu m'għandux japplika għal xi servizzi dwar xandir jew għall-użu jew kiri ta' xi apparat jew tagħmir li jkollu x'jaqsam ma' dak is-servizz; u ebda ħaġa f'dak is-subartikolu jew f'xi tariffa msemmija fih ma ttellef lit-Telemalta milli titlob dwar kull wieħed mis-servizzi tagħha, prezzijiet oħra bi ftehim speċjali.".

Emenda ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali.

3. L-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "dwar l-ewwel sena finanzjarja tat-Telemalta dan l-artikolu għandu japplika daqskieku kien jeħtieġ li l-Bord jadotta l-estimi għal dik is-sena mhux iktar tard mill-15 ta' Mejju, 1975," fit-tieni proviso għas-subartikolu (5) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "dwar is-sena finanzjarja li tibda fl-1 ta' April, 1977, dan l-artikolu għandu japplika daqskieku kien jeħtieġ li l-Bord jadotta l-estimi għal dik is-sena mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju, 1977," u

(b) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) Dan l-artikolu għandu japplika għas-sena finanzjarja li tibda fl-1 ta' April, 1977 u għas-snin finanzjarji li jiġu wara, iżda ma japplikax għal snin finanzjarji ta' qabel.".

4. Fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "mija u għoxrin elf lira għall-ewwel sena finanzjarja" għandhom jidħlu l-kliem "mija u għoxrin elf lira għall-ewwel sena finanzjarja, ta' mija u sittin elf lira għas-sena finanzjarja ta' wara,". Emenda ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali.

5. L-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Telemalta għandha taħtar u timpjega, b'dik ir-rimunerazzjoni u b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li tista', skond l-artikolu 11 ta' dan l-Att, tistabbilixxi, dawk l-uffiċjali u l-impjegati tal-Korporazzjoni kif minn żmien għal żmien jkun meħtieġ għall-qadi xieraq u effiċjenti tal-funzjonijiet ta' Telemalta.";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Minkejja d-disposizzjoni tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, meta jkun maħtur *general manager* dan għandu jiġi magħżul bl-approvazzjoni tal-Ministru.", u

(ċ) minflok il-kliem "*General Manager*" fis-subartikolu (4) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "*general manager*".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta sabiex jipprovdi li l-estimi jsiru mis-sena finanzjarja li tibda fl-1 ta' April, 1977.

L-Abbozz fih ukoll emendi oħra inklużi ż-żieda fil-ħlas li jagħmel il-Gvern għas-servizzi mogħtija lilu mit-Telemalta, u d-disposizzjonijiet dwar is-setgħa tat-Telemalta li taħtar u timpjega l-uffiċjali tagħha.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Telemalta Corporation Act, 1975.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

**1.** This Act may be cited as the Telemalta Corporation (Amendment) Act, 1977, and shall be read and construed as one with the Telemalta Corporation Act, 1975, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 19 of the principal Act.

**2.** For subsection (2) of section 19 of the principal Act there shall be substituted the following:

"(2) Subsection (1) of this section shall not apply to any services relating to broadcasting or to the use or hire of any apparatus or appliance in connection with such service; and nothing in that subsection or in any tariff mentioned therein shall prevent Telemalta from charging, in respect of any of its services, other prices by special agreement.".

Amendment of section 20 of the principal Act.

**3.** Section 20 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) for the words "in respect of the first financial year of Telemalta this section shall apply as if it required the Board to adopt estimates for that year not later than 15th May, 1975," in the second proviso to subsection (5) thereof there shall be substituted the words "in respect of the financial year beginning on the 1st April, 1977, this section shall apply as if it required the Board to adopt estimates for that year not later than the 30th day of June, 1977," and

(b) immediately after subsection (6) thereof there shall be added the following new subsection:

"(7) This section shall apply to the financial year beginning on the 1st April, 1977 and to subsequent financial years, but shall not apply to previous financial years.".

4. In subsection (4) of section 24 of the principal Act, for the words "one hundred and twenty thousand pounds for the first financial year" there shall be substituted the words "one hundred and twenty thousand pounds for the first financial year, of one hundred and sixty thousand pounds for the next following financial year.". Amendment of section 24 of the principal Act.

5. Section 28 of the principal Act shall be amended as follows: Amendment of section 28 of the principal Act.

(a) for subsection (1) thereof there shall be substituted the following:

"(1) Telemalta shall appoint and employ, at such remuneration and upon such terms and conditions as it may, in accordance with section 11 of this Act, determine, such officers and servants of the Corporation as may from time to time be necessary for the due and efficient discharge of the functions of Telemalta.";

(b) for subsection (2) thereof there shall be substituted the following:

"(2) Notwithstanding the provision of subsection (1) of this section, where a general manager is appointed he shall be selected with the approval of the Minister.", and

(c) for the words "General Manager" in subsection (4) thereof there shall be substituted the words "general manager".

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to amend the Telemalta Corporation Act, 1975, so as to provide that estimates are to be made as from the financial year beginning on the 1st April, 1977.

The Bill also contains further amendments including the increase of the charge payable by the Government for the service rendered to it by Telemalta, and the provisions regarding the power of Telemalta to appoint and employ its officers.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*
Stampat fl-U.C.S — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S — Government Printing Press*
Prezz 1c — *Price 1c*